8 ta' Novembru, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Prof. Carlo Oreste Strocco *versus* Pietro Baldassare Contini et.

**Simulazzjoni — Rexissjoni — Nullità — Preskrizzjoni — Art. 1266, 1255, u 2248 tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-azzjoni ta' rexissjoni, jew tan-nullità, tippresupponi obligazzjoni ġuridikament eżistenti, iżda nieqsa minn xi element essenzjali; viċeversa, l-azzjoni tas-simulazzjoni tippresupponi dejjem att ineżistenti, jew b'mod assolut jew b'mod relativ.*

*L-oġġett taż-żewġ azzjonijiet huwa differenti: l-azzjoni tan-nullità għandha bħala skop tagħha l-annullament ta' l-obligazzjoni, mentri skop ta' l-azzjoni tas-simulazzjoni hu dak li tiġi ristabbilita l-verità f'dak li realment riedu l-kontraenti, għad li l-att reali jista' ma jkunx validu.*

*U fl-effetti tagħha, l-azzjoni tan-nullità hi aktar estiża minn dik tas-simulazzjoni; għax twaqqa' anki d-drittijiet li jkunu akkwistaw it-terzi in bwona fede, li fl-azzjoni tas-simulazzjoni jibqgħu salvi.*

*Stabbilita d-differenza bejn iż-żewġ azzjonijiet, il-preskrizzjoni applikabili għall-azzjoni tas-simulazzjoni mhijiex dik ta' sentejn preskritta għall-azzjoni tar-rexissjoni, imma hija dik ta' tletin sena.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi l-instant fl-okkażjoni tal-bidu tal-gwerra ma' l-Italja ħalla in depożitu diversi mobbli tad-dar, kwadri u oġġetti ta' l-arti, għand il-konvenut, u kkonsenja wkoll lill-mart il-konvenut riċevuta li turi fittizjament li l-istess oġġetti huma mibjugħa lil mart il-konvenut; u billi l-konvenut dawn il-ġranet ikkonsenja lill-instant, minn dawk l-oġġetti, dawk indikati fl-annessa nota dok. A, u ma kkonsenjalux dawk indikati fin-nota B, li kienu wkoll in depożitu għand il-konvenut, billi dan allega li jinsabu distrutti b'atti ta' gwerra; u billi dan il-fatt mhux veru u r-riċevuta tal-bejgħ fuq imsemmija hija fittizja; prevja d-dikjarazzjoni li l-bejgħ ta' l-oġġetti konsenjati lill-konvenut jew lil martu fl-okkażjoni fuq imsemmija huwa fittizju, il-konvenut jiġi dikjarat responsabili għar-restituzzjoni ta' l-oġġetti ndikati fl-anness nota "B" u ta' dawk kollha li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; u in difett ta' din ir-restituzzjoni jiġi

kundannat iħallas il-valur tagħhom, li jiġi likwidat fl-istess kawża. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inġunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Illi l-konvenut, fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet, issolleva diversi kwistjonijiet ta' indoli preliminari, li jeħtieġ li jiġu eliminati qabel ma tkun definita l-preskrizzjoni minnu sollevata fin-nota fol. 126;

*Omissis;*

Illi bin-nota tiegħu tad-9 ta' Ġunju 1951 il-konvenut eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-art. 1266 Kod. Ċiv., u sostna li, għalkemm dak l-artikolu jikkontempla l-azzjoni ta' nullità ta' obligazzjoni mingħajr kawża jew magħmula fuq kawża falza, peress li l-leġislatur ma ddistingwiex bejn falzità assoluta u falzità relativa, dik il-preskrizzjoni tolqot anki l-azzjoni tas-simulazzjoni;

Illi l-Qorti, wara li kkunsidrat il-presupposti, l-iskop u l-effetti taż-żewġ azzjonijiet, ma tistax taċċetta l-pretensjoni talkonvenut; għar-raġunijiet hawn taħt miġjuba;

1. L-azzjoni tar-rexissjoni, jew tan-nullità, tippresupponi obligazzjoni ġuridikament eżistenti, iżda nieqsa minn xi element essenzjali (art. 1255 Kod. Ċiv.); difatti, skond l-art. 1188 (g) ta' l-istess Kodiċi, ir-rexissjoni hija wieħed mill-modi li bihom jispiċċaw l-obligazzjonijiet ("si estinguono", kien igħid l-art. 851 ta' l-Ord. VII ta' l-1868); u peress li ma jistax loġikament jispiċċa ħlief dak li jkun jeżisti, ma jistgħux ikunu suġġetti għar-rexissjoni, għall-finijiet ta' l-imsemmi art. 1255 (kif kostantement interpretat mill-Qrati Tagħna), dawk l-obligazzjonijiet li huma ġuridikament ineżistenti (Kollez. XXV—I—511, u App. Ċiv. 13 ta' Ġunju 1950 in re "Saliba vs. Saliba"). Viċeversa, l-azzjoni tas-simulazzjoni tippresupponi dejjem att ineżistenti, jew b'mod assolut ("colorem habens, substantiam vero nullam"), sew b'mod relativ ("colorem habens, substantiam vero alteram"); bil-konsegwenza li, rigward l-att apparenti impunjat isir inkonċepibili u inutili l-annullament, salva, jekk ikun il-każ, l-impunjazzjoni ta' l-att reali li jkun moħbi taħt dak apparenti. Minn dana jidher li l-azzjoni tan-nullità hija applikabili biss għal dawk l-obligazzjonijiet li jkollhom wieħed jew iżjed mid-difetti determinati fl-art. 1266 fuq ċitat, iżda qatt għal dawk li ġuridikament u fil-fehma tal-partijiet

qatt ma eżistew, jew qatt ma eżistew kif apparentement kienu jidhru;

2. L-oġġett taż-żewġ azzjonijiet huwa, kwindi, neċessarjament differenti. L-azzjoni tan-nullità għandha bħala skop tagħha l-annullament ta' l-obligazzjoni, minħabba li tkun nieqsa minn xi rekwiżit essenzjali (Kollez. XVI—II—332); mentri dak ta' l-azzjoni tas-simulazzjoni huwa li tkun ristabbilita l-verità f'dak li realment riedu l-kontraenti, għad li l-att reali jista' ma jkunx validu. "Colui che agisce per la dichiarazione di simulazione", jgħid Laurent, "non chiede che l'atto sia annullato, ma pretende che vi ha un atto apparente il quale non esiste punto come atto reale, ma che quest'atto apparente nasconde un contratto reale, salvo a veder se il contratto reale è valido. Così l'azione di simulazione non ha che un solo oggetto, cioè quello di ristabilire la verità. Dunque l'articolo 1304 (li jikkorrispondi għall-art. 1266 fuq ċitat) non è applicabile" (Diritto Civile, Vol. XIX, no. 33). Liema deduzzjoni hija aktar u aktar applikabili fil-każ ta' simulazzjoni relativa, li, kif irraġunat il-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża "Seychell utrinque", deċiża fis-27 ta' Marzu 1936 (Kollez. Vol. XXIX —I—570), ma għandhiex bħala skop id-dikjarazzjoni ta' nullità jew rexissjoni tal-kuntratt;

3. Fl-effetti tagħha, imbagħad, l-azzjoni tan-nullità hija iżjed estiża minn dik tas-simulazzjoni. Igħid Butera:— "L'azione di nullità è più ampia e radicale, in quanto fa cadere i diritti dei terzi anche in buona fede, che l'altra (i.e. tas-simulazzjoni) lascia, nel concorso di buona fede, salvi" (Simulazione nei Negozi Giuridici, § 93, pag. 302);

Illi għalhekk, in konklużjoni, mhux kull impunjattiva ta' kuntratt minħabba n-nullità tiegħu taqa' taħt l-art. 1266 (Kodiċi Civili), iżda dik biss li tkun bażata fuq nuqqas ta' element essenzjali kif maħsub fl-art. 1255 ta' l-istess Kodiċi. Dana wkoll hu l-insenjament tad-dottrina (Laurent, op. ċit., § 33, u Digesto Italiano, "Simulazione", § 20);

Illi xejn ma jiswa li anki fis-simulazzjoni tirrikorri l-falsità tal-kawża; għaliex, kif maġistralment josserva Giorgi:— "L'azione rescissoria presuppone un titolo infetto da un vizio, che nell'interesse di uno solo fra i due contraenti, ed a volontà di lui, può estinguere l'obbligazione............". Men-

tri fil-każ ta' simulazzjoni, "sebbene sia veramente un vizio del titolo, è per altro un vizio concordato e preordinato dalle parti a rendere il titolo improduttivo di obbligazione, o produttivo di obbligazioni diverse dalle apparenti" (Obbligazioni, Vol. VIII, § 145, pag. 244);

Illi, premessi dawna l-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur qiegħed jeżerċita l-azzjoni tas-simulazzjoni. Tant jidher mid-dikjarazzjonijiet kontenuti fiċ-ċitazzjoni. Del resto, ma jidherx li l-konvenut jikkontesta n-natura ta' l-azzjoni esperita;

Illi, stabbilita d-differenza bejn iż-żewġ azzjonijiet, tinżel il-konsegwenza li l-preskrizzjoni applikabili għall-azzjoni tas-simulazzjoni ma tistax tkun dik prevista fl-art. 1266 fuq ċitat — preskrizzjoni dina eċċezzjonali u li ma għandhiex tiġi estiża għal każi oħra (Laurent, op. ċit. § 28, u Giorgi, op. ċit., § 145); bil-konsegwenza li l-azzjoni tas-simulazzjoni għandha taqa' taħt il-preskrizzjoni ġenerali ta' tletin sena kontemplata fl-art. 2248 (Kodiċi Ċivili), kif, del resto, ġie kostantement ritenut mill-Qrati Tagħna (Kollez. XVI—II—332; XXVI—I—120; XXIX—I—570; XXX—III—452; XXXII-II—412);

Għal dawna l-motivi;

1. Tiddikjara eżawriti l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari opposti mill-konvenut fin-nota tiegħu fol. 11, u għalhekk ma tkomplix tieħu konjizzjoni tagħhom;

2. Tirrespinġi l-preskrizzjoni biennali sollevata mill-konvenut, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

3. U tiddifferixxi l-kawża għall-udjenza tad-9 ta' Jannar 1953, biex titkompla fil-meritu.